*SERVIZZ TELEFONIKU – ONERU TA' PROVA*

# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Frar, 2001**

**Kawza Nru: 4**
**Citazzjoni Numru 1085/92 RCP**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Mario Fenech**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-korporazzjoni Telemalta kienet istallat is-servizz telefoniku bin-numru 441747 fil-fond maghruf bl-isem ta' "Joseph House", gewwa A. Cuschieri Street, Birkirkara;

Illi, skond ma kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni, il-konvenut Mario Fenech ghamel uzu mill-imsemmi servizz telefoniku stante li kien jabita fl-imsemmi fond;

Illi in konnessjoni ma dana s-servizz il-Korporazzjoni attrici ghandha tiehu s-somma bilancjali ta' Lm5383.54 (hamest elef, tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) dovuti ghall-kera, telefonati lokali u "extra work" relattivament ghall dana s-servizz;

Illi l-konvenut, ghad li gie nterpellat sabiex ihallas naqas li jaghmel dan;

L-istess socjeta attrici tablet lil din il-Qorti:

1. Prevja okkorendo dikjarazzjoni illi huwa kien l-utent tas-servizz telefoniku bin-numru 441747 li kien stallat fil-fond "Joseph House", A. Cuschieri Street, Birkirkara, tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm5383.54 (hamest elef, tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-kera, telefonati lokali u "extra work" relattivament ghas-servizz telefoniku fuq indikat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 1992 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 18 tal-process fejn ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana skond ma kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz peress illi huwa umanament impossibbli illi persuna komuni ittella kont ta' Lm5383.54 f'perjodu ta' erbgha snin u nofs.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 18 tal-process.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hi kawza fejn is-socjeta` attrici qed titlob li tithallas ammont ta' flus mill-konvenut dovuti ghall-kera, telefonati lokali u "extra work" relattivi ghall-servizz telefoniku.

Illi Saviour Farrugia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` attrici permezz ta' dikjarazzjoni guramentata tieghu a fol. 4 tal-process jghid illi *"snin ilu l-Korporazzjoni minni rappresentata kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 441747 fil-fond "Joseph House", A. Cuschieri Street, Birkirkara*." Illi skond ma kif jirrizulta mill-anness Dok. A u cioe` ittra mibghuta mill-konvenut stess huwa kien mar jabita fil-fond in kwistjoni, u cioe` fejn kien installat is-servizz minn Frar tal-1988 u kien jaghmel uzu mis-servizz telefoniku. Illi relattivament ghal dan is-servizz il-Korporazzjoni attrici tikkontendi li ghandha tiehu s-somma ta' Lm5383.54 (hamest elef tlett mija u tlieta u tmenin lira maltin u erbgha u hamsin centezmu) rappresentanti ammont bilancjali dovuti kwantu ghall-Lm69 bhala kera tas-servizz mill-1 ta' April, 1987 sal-31 ta' Dicembru, 1991, Lm5641.93 ghall-telefonati lokali bejn l-1 ta' Jannar, 1987 sat-30 ta' Lulju, 1990 u Lm15 ghall-"extra work" li sar. Minn dana l-ammont kien sar pagament akkont ta' Lm342.39 – Dana jirrizulta kollu sia mill-kont anness u mmarkat bhala Dok. B kif ukoll mill-prospett imhejji mis-sezzjoni arretrati u mmarkat bhala Dok. C". Din id-dikjarazzjoni wkoll giet ikkonfermata bil-gurament quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 1994 mill-istess Saviour Farrugia.

Illi mill-banda l-ohra l-konvenut qed jallega li huwa umanament impossibbli illi persuna komuni ittella kont ta' Lm5,383.54 f'perjodu ta' erba' snin u nofs. Jghid illi sia hu u sia martu t-tnejn jahdmu u sa mill-1989 huwa kien jilmenta mas-socjeta attrici, allura Korporazzjoni Telemalta,

dwar kontijiet li kien jircievi. Jzid jghid ukoll illi d-dar fejn kienu jghixu kienet qrib ferm tal-exchange li s-socjeta` attrici ghandha gewwa Birkirkara u seta' kienu qed isiru telefonati abbuzivi minn fuq il-linja tieghu u l-kont kien qed jigi ddebitat lilu.

Rat l-affidavit tal-konvenut a fol. 58 tal-process fejn xehed illi: "*Fiz-zmien tal-kont imsemmi jiena ma kontx ghadni separat legalment minn ma' Marianne Fenech. Ahna ma kellniex tfal u jiena u l-mara dejjem konna xoghol. Konna nohorgu kmieni fil-ghodu u nidhlu tard filghaxija. Ghalhekk il-konsum tad-dawl, ilma u telefon kien wiehed minimu. Jiena ninsab sorpriz kif qatt stajt intella' kont daqstant gholi ghax kien umanament impossibbli ghalija u ghal mara li naghmlu dawn it-telefonati. Jiena u l-mara tieghi qatt ma cempilna barra minn Malta. It-telefon konna nuzawh b'mod okkazzjonali ghall-ahhar ghax il-maggor parti tat-telefonati konna naghmluhom minn fuq ix-xoghol. Pero' jiena nghid illi fl-apparat li kelli kont nisma' hafna tektik, anke meta l-"handset" kien ikun f'postu. Meta kont nerfghu ma kont insib xejn. Pero' mhux l-ewwel darba li kont incempel u kienet tidhol linja ohra fuqi. Jiena cempilt kemm il-darba lit-Telemalta dwar dan. Sa mill-1989 jiena kont nilmenta mal-korporazzjoni dwar kontijiet li kont nircievi. Tajjeb nispjega li dawn il-kontijiet kienu jigu meta s-sistema kienet ghadha antika u qabel it-Telemalta qalbet digital*". In oltre, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-konvenut jkompli jzid ma dan li intqal hawn fuq illi: "*d-dar fejn konna nghixu tigi qrib ferm tal-exchange li l-korporazzjoni ghandha gewwa*

*Birkirkara u wisq nissuspetta illi kienu qed isiru telefonati abbuzivi minn fuq il-linja tieghi u l-kont kien qed jigi ddebitat lili*.”

Illi d-difiza tal-konvenut hija fis-sens li l-kontijiet huma gholjin u li huwa umanament impossibbli sabiex persuna ittella’ tali ammont ta’ kontijiet ghall-perjodi ndikati f’dokument C a fol 8 tal-process.

Illi huwa principju generali tal-ligi li min jallega fatt irid jippruvah, u apparti in-natura generali tal-istess eccezzjoni tal-konvenut, ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut f’dan il-kaz kellu jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati.

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-konvenut dan ma rnexxielux jaghmlu, anke peress li kull ma produca bhala xhieda tieghu kien biss affidavit, u dan ukoll wara hafna zmien u hafna differimenti sabiex iressaq il-provi tieghu.

Illi fil-fatt l-istess konvenut naqas li jgib ghall-inqas xhud wiehed biex jikkorobora l-versjoni tieghu w ukoll naqas milli almenu jipprovdi dokumenti sabiex juri l-presenza tieghu fl-istess fond fejn kien jabita u fejn kien installat l-istess apparat jew l-oggezzjonijiet li allegatament kien jaghmel mas-socjeta` attrici. Fil-fatt l-uniku oggezzjoni li giet esebita kienet dik datata 8 ta’ Frar 1989 (Dok ‘A’ – fol 6) li *di piu`* giet esebita mis-socjeta` attrici mal-prezentata tac-citazzjoni u ghalhekk lanqas mill-konvenut.

Illi huwa logiku li wiehed jahseb li meta jara dawk l-ammonti hekk gholjin ta' telefonati li saru bejn l-1 ta' Jannar 1987 sa l-1 t'April 1991, kontijiet li certament il-konvenut kien qieghed jircevi perjodikament, mhux biss jitlob investigazzjoni ta' l-istess u joggezzjona ghall-istess kontijiet izda *se mai* jaqta' l-istess servizz sabiex il-kontijiet logikament ma jibqghux jitilghu.  Illi jidher li l-istess konvenut ma ghamel xejn minn dan u fil-fatt jekk wiehed joqghod jikkonsidra l-komportament ta' l-istess konvenut f'din il-kawza wiehed jinnota illi ma ghamel ebda tentattiv kwalunkwe sabiex b'xi mod jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati, inkluz li jipprovdi bhala xhieda anke persuni teknici mis-socjeta` attrici li huwa presumibilment talab sabiex jigu verifikati l-istess ammont ta' telefonati.

Illi infatti wiehed jinnota li d-dikjarazzjoni li saret anke mid-difensur tieghu fl-ahhar seduta fejn l-istess difensur informa lill-Qorti li huwa informa lill-konvenut diversi drabi sabiex iressaq il-provi, izda l-konvenut ma jidhirx li ta' kaz l-istess, meta ovjament kien fl-interess tieghu li jressaq dawk il-provi necessarji sabiex jikkontrasta l-azzjoni attrici.

Illi certament fid-dawl ta' dan kollu jidher car li l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u dan jikkuntrasta sew mal-mod li gew prezentati l-provi attrici li sahansitra ipproducew b'dokumenti li jikkonfermaw ir-*readings* li nhadu fuq apparat tal-konvenut sabiex jikkoroboraw l-istatement minnhom prezentat li jwassal ghall-ammont

mitlub fic-citazzjoni u dettaljatament spjegat fid-dokument 'C' a fol 8 tal-process.

Illi ghalhekk din il-Qorti mill-provi prodotti tiddikjara li l-konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati u ghalhekk ma hemmx triq ohra hlief li tichad l-eccezzjonijiet minnu migjuba. Min-naha l-ohra s-socjeta attrici kienet ferm aktar konvincenti fil-provi taghha u dan bhal meta tat rendikont (*break down*) tat-telefonati kollha li saru permezz tan-numru 441747 (a fol. 22 et seq. tal-process), u fil-fatt gie ampjament pruvat, u *di piu*` mhux kontestat, li l-istess servizz kien installat u utilizzat fil-fond indikat fic-citazzjoni attrici u cioe` mill-konvenut fir-residenza tieghu.

Illi ghalhekk is-socjeta attrici irnexxielha tipprova l-kaz taghha u t-talbiet taghha ghandhom jigu milqugha.

## III. <u>**KONKLUZZJONI**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta** u **tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba tas-socjeta attrici** b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm5,383.54) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghall-kera, telefonati lokali u "extra work" in konnessjoni mas-

servizz telefoniku bin-numru 441747 liema servizz kien gie nstallat fil-fond "Joseph House", A. Cuschieri Street, Birkirkara, mis-socjeta attrici fuq talba tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu, 1992 u bl-imghax legali mid-data tat-18 ta' Marzu, 1992 (data ta' l-ittra ufficjali) sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**13 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Frar, 2001**